MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 865/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**VS**
**JOSEPH ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Zahra ta’ 59 sena, bin Joseph u Anne nee’ Cutajar, mwieled Birzebbugia fis- 6 ta’ April 1953, residenti House 2 Blk 5, Triq Hal- Far, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 293553M ;

Talli ;

1) Nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tas- 19.30 gewwa Hal- Far attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza

jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku u cioe PC 1015 J. Borg filwaqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligijew ta ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l- ordnijiet legittimi moghtija lilu mill- Pulizija;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku b’ ghajjat u glied;

4) Aktar talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal- 23.30hrs gewwa Hal Far insulenta u hedded lil PC 441 M. DArmanin u PC 1042 A. Caruana;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l- ordnijeit legittimi moghtija lilu mill- Pulizija;

6) Aktar talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghal habta tal- 23.30hrs gewwa Hal Far saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni CRX 028 tal- ghamla Honda minghajr ma kellu licenzja valida tas- sewqan;

7) Aktar talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal- 23.30hrs gewwa Hal Far saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni CRX 028 tal- ghamla Honda kontra s- sinjal tat- traffiku;

8) Aktar talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal- 23.30hrs gewaw Hal Far saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni CRX 028 tal- ghamla Honda b’ manjiera traskurata u perikoluza;

9) Aktar talli nhar it- 22 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal- 23.30hrs gewwa Hal Far saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni CRX 028 tal- ghamla Honda minghajr ma kellu licenzja valida tas- sewqan;

10) Aktar talli matul ix- xahar ta’ Lulju 2012 b’ diversi atti maghmulin mill- hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiskru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda hedded lil Fartun Ahmed Ibrahim bil- mewt;

11) Aktar talli fis- 27 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal-17.30hrs gewwa l- lock up tal- Furjana insulenta u hedded lil PS 853 F. Sciberras;

12) Aktar talli nhar is- 27 ta’ Lulju 2011 gewwa l-Furjana, volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku b’ ghajjat u glied;

13) Aktar talli matul dawn l- ahhar gimghat f’ dawn il-Gzejjer naqas milli jhares xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti mill- Qorti fid- digriet taghha moghti mill- Magistrat Dr S. Meli LL.D nhar is- 16 ta’ Novembru 2009 kif ukoll digriet mahrug mill- Imhallef Onor. David Scicluna LL.D nhar il- 25 ta’ Novembru 2009 li bih Joseph Zahra inghata l- helsien mill- arrest taht garanzija;

14) Aktar talli permezz tal- imsemmi digriet kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b’ ordni tal- Qorti u cioe naqas li jiffirma gewwa l- ghassa taz- Zejtun;

15) Ukoll talli matul dawn l- ahhar gimghat zamm u garr arma li taqta’ u bil- ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill- Kummissarju tal- Pulizija;

16) Finalment akkuzat talli sar recidiv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 b’ diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-imputat kien tressaq fit-28 ta' Lulju 2011 sabiex iwiegeb ghal xejn anqas minn sittax-il imputazzjoni, li minnhom wahda hija ripetuta bla bzonn, ghalhekk b'kollox l-imputat ghandu hmistax-il akkuza kontra tieghu, dwar reati allegatament kommessi minnu bejn it-22 ta' Lulju 2011 f'hinijiet differenti, u s-27 ta' Lulju 2011. L-imputat kien wiegeb li mhux hati ta' dawn ir-reati, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex tisma' l-provi f'din il-kawza.

Mill-provi kollha prodotti, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju ta' xejn li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. In sintesi, il-mertu tal-kawza huwa dan. Fix-xahar ta' Lulju 2011, kien hedded lil Fartun Ahmed Ibrahim, u dan f'dati u hinijiet diversi. Ukoll fl-istess xahar, hu naqas milli jiffirma l-Ghassa taz-Zejtun bhala parti mill-kundizzjonijiet moghtija lilu bhala garanzija tal-helsien mill-arrest preventiv fi proceduri kriminali kontra tieghu. Inoltre, fit-22 ta' Lulju, 2011, ghall-habta tas-7.30pm, il-Pulizija marru ghand l-imputat sabiex ikellmuh, izda dan qabad iheddidhom bil-kliem b'tali mod li ma setghux jitkellmu mieghu. Aktar tard dakinhar, hu intlemah minn Pulizija ohra jsuq wahda mill-vetturi tieghu meta dan kellu skwalifika tal-licenzja tas-sewqan. Mhux hekk biss, izda addirittura saq hazin kontra r-regolamenti tat-traffiku. Xi jiem wara, kien gie arrestat mill-Pulizija, sabiex jigi mitkellem fuq diversi rapporti li kienu saru fil-konfront tieghu, izda qajjem kjass shih u insolenta w hedded lill-Pulizija, u b'hekk tressaq b'arrest l-ghada.

Il-Qorti semghet bosta xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward, u minn dawn il-provi kollha jirrizulta bla ebda dubju li l-imputat effettivament wettaw dawn ir-reati. Gew esebiti l-okkorrenzi tal-incidenti kollha li gie imputat bihom Joseph Zahra, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest li kien inghata f'Novembru 2009 flimkien mal-"bail book" relattiv ghal dak il-kaz. Giet ukoll esebita l-istqarrija tal-imputat, fejn l-ewwel ghazel li ma jwegibx u mbaghad beda jwiegeb billi nnega l-ghemil tieghu. Xehdet Fartun Ahmed Ibrahim, mara ta' nazzjonalita' somala, li

qalet li l-imputat kien gie mad-dar taghha jheddidha b'sikkina.

Minghajr ma tidhol wisq fid-dettall, il-Qorti ezaminat il-provi kollha, u waslet ghal konkluzjoni wahda. L-imputat effettivament wettaq din is-sensiela ta' reati. Hu ma ta l-ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni ghal dan l-agir tieghu, izda cahad li qatt kellu argumenti mal-Pulizija jew max-xhud Fartun Ahmed. Ix-xhieda, izda, kollha taw verzjoni li kienet dejjem konsistenti. In difesa, l-imputat xehed u cahad li qatt wettaq dawk ir-reati, izda qatt ma ta dettalji tal-ghemil tieghu. Dejjeb gab xi skuza jew ohra, bhal li ghandu kundizzjoni medika f'saqajh li ma tippermettilux imur jiffirma l-Ghassa darba fil-gimgha. Ma jghidx, izda, jekk l-istess kundizzjoni medika ma zzommux milli jsuq minghajr licenzja.

Huwa l-imputat li donnu ghandu gwerra mad-dinja kollha, u jgib ruhu b'tali mod li jrid dejjem jiggieled biex jitkellem. Sfortunatament, l-imputat donnu ddecieda li fid-dinja jista' jaghmel li jrid u li jfettillu, anke jekk ikollu jikser il-ligi. Jekk jidhirlu li ghandu jsuq karozza anke jekk mhux suppost, jaqbad u jsuq. Jekk jigi xi hadd biex ikellmu u jiddejjaq, jaqbad joffendih. Jekk jidhirlu li ghandu jmur ihedded lil xi hadd, jaqbad u jaghmel hekk. L-imgieba tieghu kwazi dejjem goffa u vjolenti, bla kantunieri ta' xejn. M'ghandu l-ebda rispett ta' xejn ghad-drittijiet ta' haddiehor. Ma jafx ighix f'socjeta' civili, u allura il-fehma tal-Qorti hi li m'ghandux jithalla jghix f'socjeta' civili. Ir-reati li taghhom huwa imputat ma jidhrux li huma reati gravi jew ta' certa portata, izda maghdudin flimkien juru mgieba anti-socjali u perikoluza ghall-ahhar. Hu ddecieda li jimxi kif irid u kif ifettillu f'hajtu, minghajr ma jaghti kaz ta' hadd. Dan wasslu biex ghandu l-fedina penali tieghu fiha madwar sebghin faccata, u aktar ma jghaddi z-zmien aktar timtela'. L-imputat ghamel ghazla f'hajtu – li ma jaghti kaz ta' ebda ligi hlief dik ta' rasu. Ghalhekk, meta jikser difrejh mal-ligi, din bil-fors sejra taghtih piena qrib tal-massimu possibbli.

Sfortunatament, il-Qorti hi tal-fehma li l-ebda piena m'hi ser isservi biex l-imputat jitghallem igib rispett lil haddiehor. Kull piena li tirrestringi l-liberta' tieghu m'hix

ser isservi bhala taghlima ghalih. L-imputat juri bic-car li ma jridx jitghallem u ma jridx jinbidel. Kull piena li tirrestringi l-liberta’ tieghu ser isservi biss biex dawk li jghixu madwaru, kif ukoll il-Pulizija tad-distrett tieghu, ighixu ftit xhur fil-kwiet, sa ma jiskonta l-piena u jerga’ johrog mill-habs. L-imputat huwa persuna inkorreggibbli, u sfortunatament din il-Qorti tilfet kull speranza fih.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 338(ee), 338(dd), 339(1)(e), 579, 18, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l- Artikoli 15(1)(a)(2)(3), 54 u 55, u t- Tieni Skeda tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 6 u 51 (7) tal- Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ (9) imputazzjoni, peress li hija ripetizzjoni tas-sitt (6) imputazzjoni;
Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------